# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 510/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Lee Formosa**

Illum 29 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Lee Formosa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 13104(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Jannar 2025, bejn is-siegħat 00:00hrs u 02:00hrs ta' filgħodu ġewwa San Pawl il-Baħar u/jew fil-Gżejjer Maltin:

1. saq il-vettura tal-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ 751 mingħajr ma kellu liċenzja neċessarja tas-sewqan u kif ukoll saq vettura waqt illi kellu l-liċenzja skwalifikata;

2. saq il-vettura tal-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ 751 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

3. naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil LL.D.) fid-digriet mogħti nhar is-26 ta' Ġunju 2023, li permezz tiegħu l-istess Lee Formosa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.) fid-digriet mogħti nhar it-8 ta' Diċembru 2024 li permezz tiegħu l-istess Lee Formosa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. għamel reat ieħor wara li kien ġie kkundannat għal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, datata 18 ta' Awwissu 2021, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, datata 16 ta' Lulju 2021, Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, datata 17 ta' Mejju 2022, u Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo, datata 20 ta' Diċembru 2023 u Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Jean Paul Grech, datata 9 ta' Mejju 2024, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu, b'hekk ġab ruħu reċidiv;

6. naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu min PC 216 O. Zammit u PC 272 S. Farrugia uffiċjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliehomx jew fixkel

jew indaħal lill-imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. saq il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ 751 b'manjiera perikoluża;

8. saq il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ 751 b'manjiera bla kont;

9. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq fuq il-vettura tas-servizz GVP 143 għad-dannu fuq il-Gvern ta' Malta u/jew il-Korp tal-Pulizija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Lee Formosa u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u dan *ai termini* ta' Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex id-depożitu kif ukoll il-garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' April 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (fir-rigward ta' sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u sewqan b'mod perikoluż li fih qieset li huwa assorbit ir-reat ta' sewqan b'manjiera bla kont), Artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 3(1) u 3(2)(c) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikoli 49,

50, 328(d), 338(ee), 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzionijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u:

- ikkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija flimkien ma' multa ta' ħdax-il elf Euro (€ 11,000);

- ordnat li jiġu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta, l-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u ħames mitt Euro (€500) depożitati rispettivament bhala parti mill-garanzija imposta permezz tad-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil L.L.D. fis-26 ta' Ġunju 2023 u mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo L.L.D. fl-20 ta' Diċembru 2023;

- ħarġet Ordni ta' Kumpens *ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat lill-imputat iħallas lill-Gvern ta' Malta l-ammont ta' tmient elef, tliet mija u ħamsa u tletin Euro (€8,335) bħala kumpens għad-danni li sofra fuq il-vettura tas-servizz bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP 143, liema somma kellha titħallas fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza;

- applikat id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 15(2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta billi skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) snin.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***TILQA'*** *dan l-appell billi jogħġobha tgħaddi sabiex TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti tas-sentenza li sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu fuq ammissjoni tiegħu stess,* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timpani piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-12 ta' Mejju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' April 2025.

Illi għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti nżammu numru ta' seduti b'dan illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 40) l-appellant allura imputat ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u reġa kkonferma li huwa ħati fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 41 *et seq.*) wara li kienet saret korrezzjoni f'waħda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>uniku aggravju</u> mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva. F'dan l-aggravju l-appellant jisħaq li l-appell tiegħu huwa limitat fuq is-segwenti:

- il-multa ta' ħdax-il elf Euro (€ 11,000);

- il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u ħames mitt Euro (€500) depożitati rispettivament bħala parti mill-garanzija mposta permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Camilleri Busuttil L.L.D. fis-26 ta' Ġunju 2023 u mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo L.L.D. fl-20 ta' Diċembru 2023;

- l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) snin

Illi dwar il-piena ta' sitt xhur priġunerija (li dwarha ma ġiex intavolat appell mill-appellant) u l-multa ta' ħdax-il elf Euro (€11,000), l-appellant jisħaq li għalkemm hija fil-parametri tal-liġi pero' jargumenta li l-liġi tipprovi tliet alternattivi ta' piena, multa jew priġunerija jew multa u priġunerija flimkien. L-appellant jisħaq li l-multa mposta fuqu hija waħda eċċessiva meta wieħed iqis l-bqija li huwa ġie kkundannat mill-Ewwel Qoprti bħala piena. Jisħaq: *"għalkemm kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża dwar il-valur ta' din il-vettura fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000), liema multa hija tassattiva, l-appellant umilment jirrileva li l-multa oltre dan l-ammont u ċioè fl-ammont ta' sitt elef Euro (€6,000) hija eċċessiva meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ."*

Illi dwar il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u ħames mitt Euro (€500) depożitati rispettivament bhala parti mill-garanzija mposta permezz taż-żewġ digrieti msemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-appellant jisħaq li għalkemm huwa ammetta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu, fl-ebda ħin ma ġie kkonfermat mir-Reġistratur jew mill-iSpettur tal-kawża stess jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digrieti kienux għadhom *in vigore* jew jekk kienx hemm varjazzjoni tal-istess kundizzjonijiet. Jisħaq li ma tressqitx il-prova li kellha ssir mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward u jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tilliberah mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni. Jargumenta wkoll li l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) mhijiex eżegwibbli u dana peress li d-digriet imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata mhuwiex l-istess digriet imsemmi fir-raba' (4) imputazzjoni u dak eżebit fl-atti proċesswali u dana peress li hemm dati differenti. L-appellant jisħaq ukoll li l-Qorti għandha s-setgħa tapplika d-diskrezzjoni tagħha a tenur tal-*proviso* ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalkemm dan sar mill-Ewwel Qorti, jidher li ma ġiex applikat uniformament għal kull konfiska tad-depożiti taż-żewġ digrieti applikabbli. Jgħid li m'hemmx sens ta' proporzjonalita fl-ammonti ordnati għal konfiska.

Illi dwar l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) snin, l-appellant jisħaq li għalkemm huwa jifhem l-gravita' tar-

reati kommessi minnu, huwa jirrileva li l-iskwalifika msemmija hija eċċessiva u dana peress li hu għandu wild li jiddependi minnu u li l-iskwalifika timpedieh milli jaħdem diversi xogħlijiet u li għalhekk tali skwalifika ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tiegħu.

Illi l-appellant jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u li jisħaq li l-piena mposta fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita tagħha u kif ukoll fil-kwantita, ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Jisħaq li piena ta' priġunerija effettiva ma hijiex idonea.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William Caruana** (Numru 340/2019) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "4. Il-ġurisprudenza tgħallem li appell minn piena f'każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx tirrientra fil-parametri legali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:
>
>> Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taħhna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell**

> **minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

5. Il-fatt li ammissjoni tkun saret fi stadju bikri tal-proċeduri ma jfissirx illi l-imputat għandu dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk stqarret il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

[1] "Enfasi ta' din il-Qorti."

6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court*

> *might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri

tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari

fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad, *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, hija tinnota li minkejja li fil-bidu tar-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li ma kienx qiegħed jappella mill-parti tas-sentenza appellata fejn huwa ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija (*a fol.* 90), lejn l-aħħar tar-Rikors tal-appell tiegħu (*a fol.* 102) huwa jagħmel riferenza għal *"ħames xhur priġunerija effettiva"* u jgħid li *"fl-umli fehma tal-appellant, li piena karċerarja effettiva mhijiex idonea"*. Jidher li dan tal-aħħar kien żball tal-appellant u dana peress li tul is-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellant issottomettiet li l-patroċinat tagħha <u>ma kienx</u> qed jappella mill-piena ta' priġunerija effettiva.

Illi dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jilmenta mill-multa ta' ħdax-il elf Euro (€ 11,000), din il-Qorti tinnota li kien fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti li timponi l-multa li dehrilha li timponi ġialadarba din tkun fil-parametri tal-liġi. Din il-Qorti

tinnota li fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti tat ir-raġunijiet tagħha dwar kif waslet għal multa u dana wara li għamlet riferenza għal-liġi u kif ukoll għall-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-difiża qablu li l-valur tal-vettura in kwistjoni kien dak ta' ħamest elef Euro (€5,000). L-appellant innifsu jirrikonoxxi li l-multa imposta fil-konfront tiegħu hija fil-parametri tal-liġi. Tenut kont ta' dak li ġie ċitat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni li tista' twassalha sabiex tvarja l-multa imposta fuq l-appellant allura imputat mill-Ewwel Qorti u dana minkejja li l-istess Qorti kkundannatu, fost l-oħrajn, sitt xhur priġunerija.

Illi dwar dak imsemmi mill-appellant fir-rigward tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u ħames mitt Euro (€500) depożitati rispettivament bhala parti mill-garanzija mposta permezz taż-żewġ digrieti msemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-appellant allura imputat ammetta quddiem l-Ewwel Qorti għall-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u b'hekk il-Prosekuzzjoni ma kellha tipprova xejn fir-rigward tal-imputazzjonijiet in kwistjoni. Ġialadarba l-appellant allura imputat ammetta quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tilliberah minn xi imputazzjoni kif jisħaq l-istess appellant u l-Prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn tressaq prova li l-kundizzjonijiet imsemmija fid-digrieti in kwistjoni kienu għadhom *in vigore* jew jekk kienx hemm varjazzjoni tal-istess kundizzjonijiet.

- L-appellant jargumenta li l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) mhijiex eżegwibbli u dana peress li d-digriet imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata mhuwiex l-istess digriet imsemmi fir-raba' (4) imputazzjoni u dak eżebit fl-atti proċesswali. Huwa jisħaq li hemm dati differenti. Dwar dan, din il-Qorti filwaqt li terġa' tirraferma dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti u ċioè li ladarba l-appellant allura imputat ammetta, huwa ammetta għal dak li huwa ġie akkużat bih pero' ma jistax ma jiġix

innotat li filwaqt li r-raba' (4) imputazzjoni tagħmel riferenza għal digriet mogħti fit-8 ta' Diċembru 2024, fid-*decide* tas-sentenza appellata ssir riferenza għall-20 ta' Diċembru 2023. Din il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali ma hemm l-ebda digriet bid-data tat-8 ta' Diċembru 2024 u b'hekk l-appellant għandu raġun fir-rigward tal-konfiska tal-ħames mitt Euro (€500). Għaldaqstant, din il-Qorti ser tieħu l-provvedimenti dwar dan aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

- Dwar id-diskrezzjoni a tenur tal-*proviso* ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li, kif jirrikonoxxi l-istess appellant, din id-diskrezzjoni saret mill-Ewwel Qorti b'dan illi l-Ewwel Qorti kienet fil-liberta' li tagħmel l-għażla tagħha dwar dak li tikkonfiska. Din il-Qorti, filwaqt li tagħmel riferenza għal dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti fir-rigward tal-ħames mitt Euro (€500), ma tqiesx li għandha tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tad-digriet tas-26 ta' Ġunju 2023.

Illi dwar l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) snin, din il-Qorti tagħmel riferenza, fost l-oħrajn, għal Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:
>
> […]." [emfażi miżjuda]

Illi dwar dik il-parti tal-aggravju rigward l-iskwalifika fejn l-appellant jisħaq li hu għandu wild li jiddependi minnu u li l-iskwalifika timpedieh milli jaħdem diversi xogħlijiet, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-4 ta'

Awwissu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Azzopardi** (Numru 129/2006) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "[...] il-fatt li l-appellant jaħdem bhala *driver* tal-*containers* ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-liġi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, għax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqgħod attent fis-sewqan tiegħu, għax ikun isuq il-ħin kollu, għandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq ħażin."

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk (*a fol.* 82 u 83):

> "8. Il-Qorti jidhrilha illi minkejja l-ammissjoni relattivament bikrija tiegħu l-imputat ma ħaqqu l-ebda klemenza minn din il-Qorti f'dak li għandu x'jaqsam piena għall-infrazzionijiet kommessi minnu. Huwa bil-wisq ċar illi l-imputat m'għandu l-ebda rispett lejn is-sistema ġudizzjarja, lejn l-Awtoritajiet u lejn il-liġi fosthom ir-regolamenti tat-traffiku tant illi b'mod ripetut kiser kundizzjonijiet relatati mal-ħelsien mill-arrest tiegħu inkluż billi kien qiegħed barra f'ħin li suppost kellu jkun ġewwa d-dar tiegħu, ippersista bl-aġir tiegħu li jsuq mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr polza tal-assigurazzjoni, saq b'mod perikoluż, ikkawża ħsarat sostanzjali fuq vettura tal-Pulizija u injora l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva li kienu fil-qadi ta' dmirijiethom.
>
> 9. Għalhekk fil-fehma konsiderata tagħha l-Qorti tħoss illi piena karċerarja effettiva li tqarreb lejn il-minimu taf isservi ta' tagħlima lill-imputat sabiex jikkunsidra jaqleb il-folja, apparti li toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi tiegħu u l-interess tas-soċjeta' li tkun protetta minn individwi illi ma juru l-ebda rispett lejn l-awtorita' u lejn l-ordni soċjali."

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat mhux talli taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi, talli hija waħda korretta u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għandu jingħad li ma tressqet l-ebda raġuni valida li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena msemmija u fejn l-appellant talab li tiġi varjata u dana għajr għal dik il-parti li tirrigwarda l-konfiska tal-ammont ta' ħames mitt Euro (€500). Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ biss fir-rigward tal-konfiska tal-ammont ta' ħames mitt Euro (€500) u tiċħdu fil-bqija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Lee Formosa u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat li jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta l-ammont ta' ħames mitt Euro (€500);

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**